

V

(Avviżi)

## PROCÉDURI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

### IL-KUMMISSJONI EWROPEA

#### **Avviż dwarf l-iskadenza imminent ta' ċerti miżuri antidumping**

(2017/C 146/09)

1. Kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwarf il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (<sup>1</sup>), il-Kummissjoni tavża li, sakemm ma jitnedex rieżami skont il-proċedura li ġejja, il-miżuri antidumping imsemmija hawn taħt se jiskadu fid-data msemmija fit-tabella hawn taħt.

#### **2. Proċedura**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami. Din it-talba trid tinkludi biżżejjed evidenza li turi li l-iskadenza tal-miżuri aktarx li twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u ħsara. Jekk il-Kummissjoni tiddeċċiedi li tagħmel rieżami tal-miżuri kkonċernati, l-importaturi, l-esportaturi, ir-rappreżentanti tal-pajjiż esportart u l-produtturi tal-Unjoni jingħataw l-opportunità li jelaboraw, jirribattu jew jikkumentaw dwar il-kwistjonijiet imsemmija fit-talba għal rieżami.

#### **3. Limitu ta' żmien**

Il-produtturi tal-Unjoni jistgħu jressqu talba bil-miktub għal rieżami abbażi ta' dak li ssemmha hawn fuq, li għandha tasal għand: European Commission, Directorate-General for Trade (Unit H-1), CHAR 4/39, 1049 Brussels, Belgium (<sup>2</sup>) fi kwa-lunkwe żmien mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, iżda mhux aktar tard minn tliet xħur qabel id-data msemmija fit-tabella ta' hawn taħt.

4. Dan l-avviż huwa ppubblikat fkonformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

Prodott	Pajjiż(i) tal-oriġini jew tal-esportazzjoni	Miżuri	Referenza	Data ta' skadensa ( <sup>1</sup> )
Aċċessorji ta' tubi u pajpi-jiet tal-ħadid jew tal-azzar	Ir-Russja It-Turkija	Dazju antidumping	Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 78/2013 tas-17 ta' Jannar 2013 li jimponi dazju antidumping definitiv u li jiġbor b'mod definitiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid jew tal-azzar li jorġiñaw mir-Russja u mit-Turkija (ĠU L 27, 29.1.2013, p. 1)	30.1.2018

(<sup>1</sup>) Il-miżura tiskadi f'nofsiljejl tal-jum imsemmi f'din il-kolonna.

(<sup>2</sup>) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

(<sup>2</sup>) TRADE-Defence-Complaints@ec.europa.eu